[*Din ħadet l-ewwel premju tan-novelli*]

# F'KERREJJA

—Dawk għajnejk donnhom żewġ stilli,
it-tnejn jiddu daqs ix-xemx;
jekk iddur id-dinja kollha
isbaħ minnhom żgur ma......

—Biż-żejjed! Mela ma għandekx żejt f'wiċċek? qalet imbherna Lonza lil bintha ta' ħmistax-il-sena li kienet qegħda tlaħlaħ biċtejn ħwejjeġ fil-paġġatur tagħhom.—Ma tafx li Żeża ta' taħtna tħossha ħażin?!

—U iva... m'hiex sejra tmut! Il-bieraħ kont qegħda nkellimha. Alla jbierek saret daqshiex u billi din il-ħabta żewgħha qgħed jaqlagħha minn taħt l-art, qaltli li ma ddumx ma tixtri tifel.

—Isa... fittex spiċċa; ilek minn dal-għodu f'dawk il-biċtejn. Mur ara l-fenek fiex inhu li ma jinħaraqx.

U l-bint daħlet ġewwa b'geddumha mdendel fuq li ommha kisretha u ma ħallethiex tissokta l-għanja.

*   *   *

—M'għandekx tatini werqa karfusa, hux, Lonz? qalet oħt Żeża li kienet qegħdha tagħmel ftit brodu lil oħtha li kienet sejra ssir omm.

—Għala lè, Ċett? Oħtok kif inhi?

—Bagħtet għat-tabib; naħseb li jkollu jmidd idejh hu.

—Miskina!

—Fit-tfal l-oħra li kellha wriet seba' saħħiet; did-darba ma nafx x'daħlilha...

—U lè...k'Alla jrid kollox isir b'wiċċ il-ġid.

Lonza daħlet ġewwa u newlitilha werqtejn karfusa.

—It-tfal l-oħra fejn huma, Ċett? Ma hawnx ħosshom.

—Imxerrdin...taf int ħlief kamra waħda u daqsxejn ta' kċina m'għandhiex: il-kbir mar jati l-aħbar lil missieru; is-subien l-oħra bgħatnihom għand nannithom u l-bniet qegħdin ftit għand Sunta ta' quddiemek; hawnhekk ma jixraqx joqogħdu.

—X'jidhirlek? Jiena ma nitkażax bikhom għax gabuba bħalkom għandi b'kera għoli nfern!

—Xi trit titkaża, ruħi? Hawn ġew kullħadd xorta għandu: norqdu, inqumu, nieklu, nilbsu, ngħammru ma' żwieġna...u kull ħaġ'oħra f'kamra waħda; bniet u subien flimkien; filgħodu, malli nqumu, inkunu sejrin nifgaw bl-irwejjaħ li jisbħu.

—Eh !... ix-xlief ta' żwieġna ma tantx iwassal.

— L-aħħar darba għax lit-tabib għidtlu hekk, ħadni qatta bla ħabel u qalli: "Basta titgħabbew bit-tfal !" Jabbni...rajtx ? Issa nagħmlu bħalu biex is-saħta t'Alla tinżel fuqna.

—U żgur...imbagħad tajjeb u ħażin dejjem għexna, avolja tiegħi m'għandux ħlief 16 il-xelin fil-ġimgħa.

F'dan il-waqt, it-tifla ta' Lonza ħarġet tiġri minn ġewwa:

—Ma... Ma...

—Xix-xjafek ġara ?

—Mit-tieqa tagħna lmaħt lit-tabib ġej.

—Lonza marret tat titwila:

—Ċett, wasal it-tabib t'oħtok; għandu xeħta ta'wieħed imqit.

—Jiena ma nlumux : ix-xogħol tat-tobba huwa xogħol ta' reqqa kbira u fil-kmamar żgħar u mudlama tagħna ma tantx jaħdmu għal qalbhom. Jekk jidħol ħmar, iħalli denbu barra. Dieħla Lonz.

—Jekk ikollkom bżonni, sejħuli.

—Isbaħ din ...il-Bambin ikun jafulek.

* * *

Malli oħt Żeża daħlet, Karmni, li kienet qegħda tissemma' kollox, xirfet fuq il-ħadid li jati għall-bitħa tal-kerrejja biex tkun tista' aktar tilħaq salib il-ġirien tagħha u ħalli f'xi ġlieda jkollha biex tisserdak.

Wara li rat lit-tabib dieħel għand Żeża, mimlija għejra u mibgħeda, daret fuq Lonza li kienet qegħda tlaħlaħ il-biċtejn ħwejjeġ li ħalliet bintha x-xbejba u qaltilha :

—X'jidhirlek, Lonz ?...

—Ħwejjeġ t'Alla dawn, Karm.

—Mitt darba u elf, iżda l-kliem żejjed għall-avukati tajjeb...

—X'jiġifieri ?

—Mela nsejt x'kienet għajret lil binti, Żeża ?...Binti tbigħ is-saħħa u jekk sal-lum ma kellhiex tfal, ma għandha l-ebda ħtija, għax sa wegħda mal-Madonna tal-Karmnu għamlet fuq hekk. Din fiha tgħajjira ? Ma ħarġitx għammiela bħali.

— Dawn bluhat: hawn min kellu għaxar snin fuq iż-żwieġ u wara fâr bit-tfal.

—Imbagħad... isma' Lonz: it-tfal sbieħ, imma ħafna jsalbuk; trid iżżoqqhom, tlibbishom, tibgħathom id-Dutrina u l-iskola u, fuq kollox, ma tridx tarahom agħar mit-tfal tal-ġirien...

—... u l-mard ma jonqosx !

—Hekk iva: daqqa jinxteħet wieħed u daqqa l-oħra. Dik ta' taħtek bil-kemm għandha 27 sena u diġa' għandha sitt

iżrameċ. Trid tagħmel salib fuq żaqqek daqs kemm jieklu; dejjem jilgħabu fit-trab u jieklu il-ħobż.

* * *

Il-lukkett tal-bieb ta' Żeża nfetaħ bis-sabta u minnu ħarġet, b'għajnejha jleqqu bil-ferħ, Ċetta.

Karmni, mingħajr ma ħallietha taraha, qabdet il-bieb ta' kamritha, tatu tisbitha u daħlet il-ġewwa bla kliem u bla sliem.

—Lonza... Lonz!

—Hawn Ċett, kollox sew?

—It-tabib ġieb ir-risq: malli daħal hu żdiedna b'tifel il-ġmiel tiegħu; qiesu ċappa laħam, Alla jħarsu minn kull għajn

—Ħwejjeġ tal-għaġeb: ix-xewqa t'oħtok din kienet. Risq u barka!

Z. C. B. (Nicola Biancardi).